IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

tal-25 ta' April 2007

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2007/266/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7, flimkien ma' l-Artikolu 47 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u konsegwentement għarriżenja tas-Sur Bo Vesterdorf, għandu jinħatar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu li fadal tal-mandat tiegħu, jiġifieri sal-31 ta' Awissu 2010,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Sten Frimodt Nielsen qed jinħatar imħallef fil-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mis-17 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awissu 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2007.

Il-President

W. SCHÖNFELDER